MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 1286/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**NATHANIEL BOUVET**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nathaniel Bouvet, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 130788 (M).

**Akkuzat talli:**

Bejn il-lejl ta` 11 ta` Dicembru, 2010, ghal habta ta` disgha ta` filghaxija u 12 ta` Dicembru, 2010, ghal habta tan-nofs

siegha ta` filghodu x'imkien fl-inhawi ta` Tas-Sliema hebb ghal Sharlene Goodlip u kkagunalha offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Kenneth Muscat, MD, mill-isptar Mater Dei;

U akkuzat ukoll tallli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Sharlene Goodlip b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Sharlene Goodlip,biza` li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha;

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli kiser il-provediment ta` l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, LL.D, datata 4 ta` Mejju, 2010.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 226, 228, 339 (1) u 251 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Li f'din il-kawza dehret l-Ispettur Sarah Magri, deher l-imputat u dehret Sharlene Goodlip illi qedgha tahfer ill-imputat ghall-incident u tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali

fejn hu rinunzjabli. Il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Tirrizulta il-ferita gravi stante li kien hemm ksur izda l-Qorti fil-piena ha tiehu in konsiderazzjoni l-mahfra ta` l-istess Sharlene Goodlip. Tirrizulta wkoll ir-raba` imputazzjoni u tikkundannah ordni ta` probation ghal perjodu ta` tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------